MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Rikors Maħluf Numru 1031/2016LM

**Ian Mizzi, detentur tal-Karta ta' Identità Nru 467789M**

***vs.***

**Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd (C 17421)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-10 ta' Novembru, 2016 mill-attur **Ian Mizzi** (K.I. Numru 467789M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi r-rikorrent kien impjegat bhala « labourer » mas-soċjetà intimata;*

2. *Illi fis-27 ta' Novembru 2014 waqt li r-rikorrenti kien qiegħed fuq il-lant tax-xogħol, u ċioé waqt li kien qiegħed iwettaq xogħol ta' żarmar ta' saqaf ta'* trailer *proprjetà*

*tas-soċjetà intimata, liema* trailer *kien jinsab ukoll fil-proprjetà tal-istess soċjetà intimata u ċioé f'*yard *fi Triq il-Pitkali, Attard, huwa korra fiżikament u serjament u dan billi inqabdulu s-swaba' ta' idu l-leminija fil-partijiet mekkaniċi ta'* fork-lifter *li minn fuqu kien qiegħed jeżegwixxi dawn ix-xoghlijiet;*

3. *Illi r-rikorrenti kellu jittieħed b'urġenza u permezz ta' ambulanza lejn l-Isptar Mater Dei fejn fost l-oħrajn invistah l-ispeċjalista Mr. Alec Sultana;*

4. *Illi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti sofra ġrieħi gravi u danni fuq il-persuna tiegħu, illi rriżultawlu f'diżabilità permanenti f'idu l-leminija, skont kif iċċertifika l-Konsulent tal-Kirurġija Ortopedika Mr. Raymond Gatt, (ara r-rapport mediku hawn anness u mmarkat bħala Dok. A);*

5. *Illi wara li għaddielu l-perijodu ta' konvalexxenza, ir-rikorrenti reġa' lura għax-xogħol mal-istess soċjetà intimata iżda wara ftit żmien huwa irrealizza li minħabba l-inċident li kien sofra, huwa ma setax jibqa' jagħmel dak it-tip ta' xogħol. Ir-rikorrenti fil-fatt kellu jibdel in-natura tax-xogħol tiegħu, fejn allura jirriżulta li huwa ġie limitat serjament u irrimedjabbilment fil-prospetti u possibilitajiet ta' impjieġ tiegħu;*

6. *Illi jirriżulta li għal dan l-inċident taħti unikament is-soċjetà intimata bħala l-*employer *tar-rikorrenti, stante li,* inter alia, *ma ġietx ipprovduta mill-istess soċjetà intimata sistema ta' xogħol mingħajr perikolu u/jew tagħmir għas-sigurtà tal-istess rikorrenti;*

7. *Illi għalhekk l-inċident in kwistjoni seħħ unikament minħabba imperizja, negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol da parti tas-soċjetà intimata;*

8. *Illi minkejja li s-soċjetà intimata ġiet debitament interpellata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u eventwali ħlas tad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti permezz ta' ittra uffiċjali tas-17 ta' Ġunju 2016 (hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B), din baqgħet inadempjenti, għalhekk, kellha ssir din il-kawża.*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà konvenuta għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fis-27 ta' Novembru 2014 fil-*yard *proprjetà tal-istess soċjetà intimata fi Triq il-Pitkali, Attard u li fih safa' mweġġa' ġravement ir-rikorrenti, kif fuq premess;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, konsistenti f'*lucrum cessans *u* damnum emergens *per konsegwenza tal-istess inċident, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat f'terminu perentorju, bl-imgħax legali sal-ġurnata tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Ġunju 2016 u l-ispejjeż ta' din il-kawża, kontra s-soċjetà konvenuta li hija minn issa nġunta in subbizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Fahrenheit Freight Forwarders Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") pprezentata fis-6 ta' Diċembru, 2016, u maħlufa mill-Avukat Dott. Joseph Calleja kif debitament awtorizzat in forza tar-riżoluzzjoni tat-2 ta' Diċembru, 2016, annessa ma' dik ir-Risposta Maħlufa bħala Dok. A[1], li tgħid kif ġej:

1. *It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi s-soċjetà rispondenti m'għandha ebda ħtija għall-incident* de quo agitur *u għalhekk mhijiex responsabbli għall-ħlas ta' kwalsijasi danni talvolta sofferti mir-rikorrent.*

2. *Illi, għall-kuntrarju, l-inċident inkwistjoni seħħ unikament minħabba traskuraġni, imperizja u negliġenza grossolana da parti tar-rikorrent innifsu li, waqt li kien qed jeżegwixxi x-xogħlijiet ta' manutenzjoni, naqas milli jagħmel użu mill-gaġġa ta' sigurtà lilu provduta u kellu l-*mobile *tieghu f'idejh waqt l-eżekuzzjoni ta' tali xogħlijiet, u dan kontra l-istruzzjonijiet tas-soċjetà rispondenti u l-uffiċjali tagħha.*

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Novembru, 2019, fejn laqgħet it-talba tas-soċjetà konvenuta sabiex tressaq eċċezzjoni ulterjuri.

Rat ir-Risposta Ulterjuri tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħha ressqet is-segwenti eċċezzjoni ulterjuri:

---

[1] *A fol.* 16 tal-proċess.

> *Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' responsabilità għall-inċident in kwistjoni u d-danni sofferti mill-attur, jirriżulta b'mod ċar illi parti mid-danni sofferti mill-attur jew jaħti għalihom huwa stess jew huma responsabbilità ta' terzi li huma għal kollox estrani għas-soċjetà eċċċipjenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Ottubru, 2017, fejn ġie maħtur bħala espert mediku ġudizzjarju Mr Carmel Sciberras.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Diċembru, 2019, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għas-seduta tal-lum.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur daħal jaħdem bħala *labourer* mas-soċjetà konvenuta fit-12 ta' Diċembru, 2013. Kważi sena wara, jiġifieri fis-27 ta' Novembru, 2014, huwa kien weġġa' subgħajh ta' idu l-leminija hekk kif dawn inqabdulu fil-partijiet mekkaniċi ta' *fork lifter* (minn issa 'l quddiem "il-*fork lifter*") waqt li kien għax-xogħol bilwieqfa fuq *pallet* maqbuda fil-frieket tal-*fork lifter*. Huwa kien qiegħed jagħmel xi xogħol ta' żarmar fuq is-saqaf ta' *trailer* fil-bitħa minn fejn kienet topera is-soċjetà konvenuta, li kienet tintuża sabiex isir xogħol ta' tiswija fuq it-*trailers* proprjetà

tagħha. Mal-attur kien hemm żewġ impjegati oħra, Roderick Scerri li kien qiegħed fuq sellum jassistih fuq in-naħa l-oħra u Wahid Fifi li kien isfel fl-art jopera l-*fork lifter* skont l-istruzzjonijiet tal-attur. L-inċident seħħ hekk kif l-attur ta struzzjoni lil Wahid Fifi sabiex iniżżel il-frieket tal-*fork lifter* u l-istess attur beda jżomm mal-parti vertikali tiegħu.

L-attur min-naħa tiegħu qed isostni li hija proprju s-soċjetà konvenuta li taħti għal dan l-inċident għaliex qed jallega li hija naqset bħala persuna li tħaddem, li fost affarijiet oħra, tipprovdi sistema ta' xogħol li kienet mingħajr perikolu u/jew tagħmir għas-sigurtà tiegħu. Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta tinsisti li l-attur stess kien ħati għall-inċident minħabba li dan naqas milli jagħmel użu minn gaġġa ta' sigurtà li kienet ipprovduta lilu u għaliex fil-ħin tal-inċident huwa kellu l-*mobile* f'idejh.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Waqt l-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017, xehed **Sandro Mallia**[2], direttur tas-soċjetà konvenuta prodott mill-attur. Huwa qal li kien jaf li l-attur kien jaħdem mas-soċjetà konvenuta fil-*yard* fejn isewwu u jirranġaw it-*trailers.* L-attur kien beda jaħdem mas-soċjetà konvenuta fit-12 ta' Diċembru, 2013, b'paga ta' €8,434 *gross* fis-sena li mbagħad żdiedet għal €11,365.08 *gross* fis-sena. Ix-xhud esebixxa kopja tal-kuntratt tax-xogħol tal-attur li ġiet immarkata Dok. SM1.[3] Irrileva li hu ma kienx preżenti fil-ħin tal-inċident, iżda kienu ċemplulu mill-bitħa

[2] *A fol.* 20 tal-proċess.
[3] *A fol.* 31 tal-proċess.

biex jinfurmawh li kien weġġa' l-attur u hu ċempel lil Jonathan Borg, li kien jagħti l-istruzzjonijiet hemmhekk flimkien ma' Edin Mujic, li dakinhar tal-inċident kien preżenti fil-bitħa. Borg kien ilu jaħdem mas-soċjetà konvenuta għal tnax jew tlettax-il sena. Imbagħad ċemplu għal ambulanza mill-uffiċċju. Ix-xhud ikkonferma li s-soċjetà konvenuta kellha gaġġa għall-*fork lifter*. Ix-xhud sebixxa rapport tal-OHSA li ġie mmarkat bhala Dok. SM3.[4] Spjega li s-soċjetà konvenuta kienet tieħu ħsieb tagħmel korsijiet ta' *fork lifters* regolarment.

**Edin Mujic** xehed waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2017[5], kif prodott mill-attur. Ikkonferma li hu kien ta' nazzjonalità Maltija u kien ilu jaħdem mas-soċjetà konvenuta bħala *local logistics coordinator* għal xi tnax-il sena billi jieħu ħsieb ix-xoghol fil-bitħa. L-attur kien ħadem magħhom bħala *yard labourer* billi jagħmel dak li kien hemm bżonn, inkluż li jsewwi t-*trailers* u jaħsilhom. L-istruzzjonijiet kien jeħodhom mingħandu jew mingħand Jonathan Borg, skont min kien ikun preżenti. Ix-xhud spjega li dakinhar tal-inċident hu kien ra lill-attur bilwieqfa fuq il-frieket tal-*fork lifter* jipprova jaqla' s-saqaf ta' *trailer.* Ix-xhud mill-ewwel mar igħidlu jneħħi l-*mobile* minn idejh u jinżel minn hemm u juża l-gaġġa li tintrabat mal-*fork lifter* għal dak ix-xogħol li kien qed jagħmel, sabiex b'hekk kien jiġi evitat li jweġġa' kif fil-fatt ġara. L-użu tal-gaġġa kienet skont il-*policy* tas-soċjetà konvenuta. Spjega li l-attur proprjament kien rah iserraħ mas-saqaf tat-*trailer* u kien qed jibgħat il-messaġġi minn fuq il-*mobile*. Huwa tah l-ordni sabiex ineħħi l-*mobile* minn idejh u sabiex jinżel minn fejn kien. Hu ma rax jekk l-attur kienx neħħa l-*mobile* minn idejh u lanqas rah nieżel, għaliex hu kien

[4] *A fol.* 27 tal-proċess.
[5] *A fol.* 82 tal-proċess.

dar biex jidħol fil-garaxx fejn kien hemm l-i*sprayers.* F'dak il-ħin sema' t-twerżiq li kien weġġa' l-attur. Sakemm ġera lura sabiex jara x'kien ġara, l-attur kien neħħa subgħajh jew idejh mill-katina tal-frieket. Dawn kienu mal-art u l-attur kien qed iżomm il-polz u kellu d-demm iċarċar. Ix-xhud għamel riferiment għar-ritratti esebiti bħala Dok.EM1[6], u kkonferma li dak kien l-istess *fork lifter* involut fl-inċident, kif ukoll ikkonferma li l-gaġġa kienet proprju dik li suppost kellha tintuża. Din kienet tintrabat biex ma tiżloqx minn fuq il-*fork lifter.* Dakinhar tal-inċident din il-gaġġa ma kellha l-ebda ħsara. Ix-xhud irrileva li lill-attur ma kienx qallu sabiex jaqla' s-saqaf tat-*trailer.* Dan ix-xogħol li kien isir minn *yard labourer,* ma kienx isir daqstant ta' spiss għalkemm is-soċjetà konvenuta kellha 'il fuq minn mitejn *trailer.* Mal-attur kien hemm Roderick Scerri jaħdem dak iż-żmien, iżda ma setax jiftakar min kien is-sewwieq tal-*fork lifter.* Ix-xhud spjega li nġabar kulħadd u hu telaq jiġri għall-uffiċċju għall-għajnuna u sabiex iċemplu għal ambulanza. Ikkonferma li mhux l-ewwel darba li l-ħaddiema ntbagħtu fuq korsijiet tal-*first aid,* iżda ma setax jiftakar jekk dan kienx ukoll il-każ fir-rigward ta' *health and safety.* Dwar dan mhux tal-ewwel li hu tkellem fuq is-suġġett mal-ħaddiema u rrileva li hu kien attenda kors dwar *health and safety* wara li kien beda l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta. Ma kienx jaf jekk fiż-żmien tal-inċident kienx ingħata taħrig dwar *health and safety,* iżda qal li kienu jimxu mal-proċeduri eżistenti. Id-diretturi kienu jqabbdu kumpanniji esterni sabiex jagħmlu spezzjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà.

[6] *A fol.* 101 tal-proċess.

Ix-xhud **Edin Mujic** kompla jixhed waqt l-udjenza tal-25 ta' April, 2017[7], fejn spjega li l-gaġġa kienet tintuża għal dak it-tip ta' xogħol u hu u l-kollega tiegħu kienu jagħmlu żgur li tintuża. Dakinhar hu ma kien għadu qabbad lil ħadd sabiex isir ix-xogħol li kellu jsir, jiġifieri lanqas lill-attur. Għamel distinzjoni bejn xogħol ta' kuljum li jagħmlu kulħadd, u xogħol partikolari bħal dak li kellu jsir dakinhar, fejn impjegat kellu jingħata l-ordni biex isir. Ix-xogħol l-attur qabad u għamlu minn jeddu u x-xhud iddikjara li ma kellu l-ebda problema b'dan, iżda l-problema kienet dwar kif kien qed jagħmlu, jiġifieri ma kienx qed jagħmel użu mill-affarijiet li kellu juża. Iddikjara li x-xhud weġġa' riżultat ta' traskuraġni. Ikkonferma li l-*fork lifter* kien proprju dak li jidher fir-ritratt EM1 *a fol.* 108 tal-proċess. Fl-istess ritratt il-gaġġa kienet tidher maqbuda ġol-frieket kif kellha tkun. Ix-xhud indika lill-Qorti fejn kienu l-pinnijiet li bihom il-gaġġa titwaħħal mal-*lifter* permezz tal-ittra A fuq ir-ritratt, u bl-ittra B fejn din tintrabat miegħu b'katina. Il-gaġġa kienet fuq il-post dakinhar tal-inċident. Sostna li kemm il-persuna li ssuq il-*lifter,* kif ukoll il-persuna li kienet ser taħdem fuq is-saqaf, kellhom ikunu jafu li kien hemm bżonn il-gaġġa. Dakinhar tal-inċident is-sewwieq tal-*lifter* kien Wahid Fifi li sussegwentement ma baqax impjegat mas-soċjetà konvenuta.

Ix-xhud **Shirley Costigan** xehdet waqt l-udjenza tal-5 ta' Lulju, 2017[8], fejn ikkonfermat li hija taħdem ma' Famalco Group fil-*Payroll and HR Administration*. Is-soċjetà konvenuta kienet waħda minn dawk is-soċjetajiet li kienu jagħmlu parti minn dan il-*group*. Ix-xogħol tagħha kien li tieħu ħsieb il-

[7] *A fol.* 116 tal-proċess.
[8] *A fol.* 142 tal-proċess.

pagi tal-impjegati u kienet ilha madwar tliet snin f'dan ix-xogħol. Fl-2014 hija kienet għadha kif bdiet taħdem hemmhekk u kienet għamlet kopji tad-dokument li jinsab immarkat bħala Dok. SC1 u esebit *a fol.* 156 tal-proċess sabiex jinżamm rendikont fid-dipartiment tal-HR. Hija stqarret li l-firma fuq id-dokument kienet tixbaħ dik tad-direttur Sandro Mallia li ffirma d-dokument quddiemha. Iddikjarat li l-kaligrafija ta' fuqu kienet tagħha, għalkemm jekk ma kienetx sejra zball l-informazzjoni kienet ġabitha minghand l-Inġinier Peter Vella.

Waqt l-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2017, xehed **Jonathan Borg**[9], li qal li hu kien ilu jaħdem mas-soċjetà konvenuta għal madwar għaxar snin u l-kariga tiegħu kienet ta' *freight maintenance co-ordinator.* Xogħolu kien jinvolvi servizzi fuq it-*trailers*, u li jieħu ħsieb wkoll il-bitħa, ix-xuffiera, eċċ. fl-assenza tal-kollega tiegħu Edin Mujic. Spjega li meta jidħol *trailer* fil-bitħa, huma kienu jaħdmu permezz ta' *check list*. Il-proċedura fejn kellu jinqala' s-saqaf ta' *trailer*, ma kienetx ta' kuljum u f'sena kienu jagħmluha madwar ħmistax sa għoxrin darba. Ix-xhud spjega l-mod kif kien isir ix-xogħol u stqarr li dan dejjem kien sar mingħajr problemi. Ix-xhud irrileva li dakinhar tal-inċident hu kien qal *"irridu nagħmlu it-*trailer, *naqilgħu s-saqaf, però ħa mmur nixtri r-*rivets *mingħand tal-Wurth, … u malli niġi lura nibdew is-saqaf."* Dak kien il-ftehim man-nies li kien hemm u saħansitra kien ħalla struzzjonijiet ma' kulħadd, inkluż ma' Edwin Mujic. Spjega li mingħajr l-affarijiet li kellu jmur jixtri, ma setax isir ix-xogħol fuq it-*trailer.* Irritjena li dak kien il-ftehim u ma kien hemm l-ebda struzzjoni sabiex jinqala' s-saqaf qabel ma jerġa' lura hu. Skont ix-xhud, it-*trailer* li fuqu kellu jsir

[9] *A fol.* 165 tal-proċess.

dan ix-xogħol kien *stand-by* fil-garaxx sabiex meta jirritorna hu, jinbeda x-xogħol fuqu. Sadanittant il-kollega tiegħu Edin Mujic baqa' hemm jissorvelja x-xogħol fil-bitħa wara li tah *handover* u qallu *"ħu naqra ħsieb in-nies u ara naqra x'qed jiġri u jien ħa mmur nixtri."* Hekk kif kien għadu fil-kju tan-nies jistenna biex jixtri, waslitlu l-aħbar mingħand id-direttur Sandro Mallia li kien weġġa' l-attur. Qabad u telaq lura u sab li xi nies kienu qegħdin jagħtu lill-attur il-*first aid* fl-uffiċċju. Wara ħames minuti waslet l-ambulanza u x-xhud telaq mal-attur lejn l-Isptar. Ix-xhud spjega kif kienet tintrama l-gaġġa fuq il-*fork lifter* permezz tal-użu tal-pinnijiet u/jew katina u ddikjara li dan ix-xogħol seta' jsir minn persuna waħedha, jiġifieri biżżejjed is-sewwieq tal-*fork lifter*. Spjega li dakinhar ried li jinbeda x-xogħol fuq is-saqaf tat-*trailer* meta jerġa' lura biex kollox isir taħt is-superviżjoni tiegħu. Ma setax igħid min kien li qabad u beda x-xogħol.

Ir-rapport tal-espert mediku **Mr Carmel Sciberras** gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2017, fejn wara li ġie dikjarat li l-attur ġarrab ħsara f'idu l-leminija li hija dik dominanti, ġie kkonfermat li l-attur qed ibati minn diżabilità permanenti fil-percentwali ta' 12%.[10]

**Mr Ray Gatt**, konsulent ortopediku li kien ikkura lill-attur l-Isptar, xehed waqt l-udjenza tat-17 ta' Jannar, 2018, fejn ikkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rapport tiegħu[11] fejn kien wasal għall-konklużjoni li b'riżultat tal-inċident inkwistjoni, l-attur spiċċa bi problema f'idu tal-lemin, kien tilef parti mir-ring finger u kellu problema b'subgħu tan-nofs u b'subgħu ż-żgħir u ma setax jagħmel il-ponn, u ma setax jagħmel ċertu saħħa.

[10] *A fol.* 183 tal-proċess.
[11] *A fol.* 6 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Frar, 2018, xehed **Roderick Scerri**[12], li kkonferma li hu kien jaħdem mas-soċjetà konvenuta u lill-attur kien jafu għaliex kien ħaddiem bħalu. Iżda baqa' jsostni li fil-ħin tal-inċident huwa ma kienx hemm, iżda kien sema' li weġġa' l-attur. Ix-xhud spjega l-proċedura kif jinqala' s-saqaf ta' *trailer* u ddikjara li ma kienx hemm bżonn jintuża *fork lifter* bil-gaġġa, iżda kien hemm bżonn biss *fork lifter* waħdu biex jitniżżel il-*frame* tiegħu, altrimenti kien jaqa' fl-art. L-istruzzjonijiet kienu jagħtuhom Edin jew Jonathan. Ix-xhud spjega li hu kien jaf x'kellu jagħmel u għalhekk kien jaqbad ix-xogħol tiegħu mill-ewwel. Qatt ma kienu marru xi persuni jispjegawlhom kif suppost jaħdmu.

Waqt l-istess udjenza sar konfront bejn ix-xhud Roderick Scerri u l-attur. Mistoqsi min kien miegħu dak il-ħin tal-inċident u x'kienu qegħdin jagħmlu, l-attur wieġeb li ma' ġenbu fit-*trailer* kien hemm Roderick Scerri igħinu jaqla' s-saqaf u Waħid Fifi kien ġol-*fork lifter.* Ix-xhud Roderick Scerri mistoqsi jekk dan kien minnu, baqa' jsostni li hu ma kienx ħdejn l-attur.

Ix-xhud **Wahid Fifi** xehed waqt l-istess udjenza[13], fejn kkonferma li hu kien jaf lill-attur u qal li dan kien is-*supervisor* tiegħu meta kienu għadu jaħdem mas-soċjetà konvenuta. Irrileva li l-għażla jekk tintużax il-gaġġa jew *pallet* biss fuq il-*fork lifter,* kienet tal-lavrant. Dakinhar il-*manager* kien barra u allura l-attur kien qed jieħu ħsieb bħala s-*supervisor* tagħhom. Mistoqsi min kien hemm dakinhar, ix-xhud qal li kienu erba' u wieħed minnhom kien Roderick Scerri, li kien qed jaħdem fil-bidu tat-*trailer.* L-attur kien fuq il-*pallet* jirranġa l-bieba tat-*trailer* u x-xhud kien qed iressaq il-*fork lifter* 'il hawn u 'l hemm skont l-istruzzjonijiet

[12] *A fol.* 191 tal-proċess.
[13] *A fol.* 204 tal-proċess.

tiegħu. Spjega li l-*fork lifter* kienu jtellgħuh madwar għaxar jew għoxrin darba f'ġurnata u kienu jafu fejn għandhom ipoġġu jdejhom biex ma jweġġgħux, jiġifieri mal-*pallet*. Żied igħid li l-attur madankollu żamm mal-parti vertikali tal-*fork lifter* fejn ikun hemm il-katina. Idu nqabditlu hemm u x-xhud mill-ewwel waqqaf il-*fork lifter* sabiex l-attur ħareġ idu. Ix-xhud telaq jiġri jgħajjat lill-*manager* u l-i*staff* li mill-ewwel ġew u ċemplu għall-ambulanza. Spjega wkoll li huma jingħataw taħriġ fuq kif joperaw *fork lifter* ġewwa l-bitħa stess. Qal ukoll li l-*managers* kienu l-ħin kollu jduru magħhom waqt il-ħin tax-xogħol. Dawn kienu jirrabbjaw meta jaraw lil xi ħadd juża *pallet* minflok gaġġa u l-*fork lifter* jkollu jitniżżel minnufih u titpoġġa l-gaġġa. Mhux tal-ewwel li saret din il-biċċa xogħol. Dakinhar kien mar fuqhom il-*manager* tad-*drivers,* Edin Mujic, u ordna li titneħħa l-*pallet,* iżda daqq it-telefon fl-uffiċċju u kellu jitlaq minnufih.

L-attur **Ian Mizzi** xehed waqt l-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2018[14], fejn spjega li hu kien daħal jaħdem mas-soċjetà konvenuta bħala *labourer* fuq *trailers* fil-bitħa. Huwa kien ilu hemm sentejn meta seħħ l-inċident. Dakinhar Jonathan Borg kien ta struzzjonijiet sabiex jiżżarma s-saqaf tat-*trailer.* Miegħu kien hemm Wahid Fifi li kien qiegħed ġewwa l-*fork lifter,* u Roderick Scerri kien fuq is-sellum jagħti bil-mazza fuq il-ħadid biex jinqala', filwaqt li l-attur kien qiegħed fuq il-frieket jiġbor il-ħadid u jpoġġih ħdejn saqajh. Waqt li kien qiegħed fuq il-*fork* lifter, kien mar Jonathan Borg jistaqsih jekk kellux bżonn xi ħaġa għaliex kien sejjer jixtri. Ma qallu xejn dwar il-fatt li kien fuq il-*fork lifter* u barra minn hekk fl-ebda ħin ma kien ra lil Edin Mujic jew kellmu. L-attur innega li kellu l-*mobile* f'idu. Meta ġie biex jinżel għaliex tlesta x-xoghol, hu żamm il-ħadid li kien neħħa mis-saqaf

[14] *A fol.* 216 tal-proċess.

tat-*trailer* b'id waħda, filwaqt li bl-oħra tal-lemin żamm mal-*fork lifter.* F'daqqa waħda ħass tagħrixa f'idu u lil Wahid qallu biex jerġa' jgħolli l-*fork lifter*. Meta ħareġ idu ra li saħansitra l-għadam kien jidher. Wasal Jonathan Borg u dan mar miegħu l-Isptar. Mistoqsi dwar *training,* l-attur spjega li hu kien għamel l-ewwel ġimgħa tax-xogħol ma' xi ħadd jitgħallem, u wara dan kien jistaqsi x'kellu jagħmel jew jurih xi ħaddiem ieħor. Il-proċedura kif jitneħħa saqaf kien tgħallimha meta ra lil ħaddiehor jaħdem u l-*fork lifter* intuża kif użah hu dakinhar tal-inċident. Ikkonferma li hu kien ra lil Wahid Fifi u lil Roderick Scerri jaħdmu hekk, kif ukoll persuni oħra. Spjega li l-gaġġa kienet tintuża biss meta riedu jitilgħu fuq nett tat-*trailer* iżda mhux għal affarijiet zgħar. Hu kien tgħallem isuq *fork lifter* għaliex xi ħadd kien urih, izda wara li weġġa', is-soċjetà konvenuta kienet għamlitilhom kors dwar kif jintuża u x'għandu jsir biex jiġi evitat korriment. Dwar il-formola[15] li kellha tingħata lil-*Labour Office*, l-attur spjega li Shirley Costigan kienet kitbet bi żball li hu kien waqa' mill-għoli u meta ġibdilha l-attenzjoni, qaltlu li ma setgħetx tbiddel dan il-kliem għaliex kien hemm fuqha l-firma tal-imgħallem.

L-attur kien reġa' lura għax-xogħol xi tlieta jew erba' xhur wara li seħħ l-inċident, wara li kien informa lil Jonathan Borg li huwa ma setax iqandel bħal ma kien jagħmel qabel u staqsih jekk din kinitx ser tkun problema. Għall-ewwel ma kien jagħmel kważi xejn, iżda bil-mod il-mod kien spiċċa jagħmel ix-xogħol li kien jagħmel qabel u telaq. Iżda minhabba li ma setax iqandel, huwa kellu problema biex isib xogħol alternattiv. Illum baqa' ma jistax iqandel kif kien jagħmel qabel,

---

[15] *A fol*. 156 tal-proċess.

u lanqas seta' jikteb fuq *keyboard*. L-attur ma baqax idoqq il-pjanu u lanqas is-*saxophone*. Il-kitba tiegħu wkoll marret lura. Subgħajh kienu jiġu vjola fil-kesħa u ma jħoss xejn u spjega kif ma jkunx jista' iċaqlaqhom sew u saħansitra ma jmissux minn taħt meta jiġi biex jagħmel ponn. Isuq ftit il-mutur iżda mhux għal ħin twil minħabba li jibdew juġgħuh subgħajh. Huwa llum jaħdem ma' stamperija bħala *machine operator.*

**David Saliba**, Kap tal-Affarijiet Tekniċi fi ħdan l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol[16], xehed waqt l-udjenza tat-18 ta' Gunju, 2018, fejn qal li l-Awtorità ma nvestigatx l-inċident għax qatt ma ġiet avzata bih. Spjega li meta d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jirċievi ċertu talbiet dwar korriment fuq il-post tax-xogħol, dan jibgħat l-NI13 lill-Awtorità. Din min-naħa tagħha tikkunsidra jekk għandhiex tinvestiga jew le skont il-każ. Fil-każ odjern seta' igħid li ma saritx investigazzjoni għaliex kien indikat li kien hemm biss ksur fis-swaba' tal-idejn.

**L-Inġinier Peter Vella** xehed waqt l-istess udjenza[17], fejn spjega li hu mpjegat mas-soċjetà Fritz Energy Limited bħala *commercial and business development manager.* Din il-kumpannija kienet topera f'binja ħdejn il-bitħa minn fejn kienet topera s-soċjetà konvenuta. Dakinhar tal-inċident id-direttur Hermann Mallia kien staqsih jekk kienx hemm xi ħadd li seta' jmur jara x'kien ġara fil-bitħa għaliex kien seħħ inċident. Huwa kien mar jittawwal u seta' jara li kien hemm raġel b'idu midruba u n-nies qalulu li kienet ġejja l-ambulanza. Huwa mar lura l-uffiċċju u nforma b'dan lid-direttur. Dak il-ħin fl-uffiċċju kien hemm l-Avukat Paul Felice u d-direttur kien qallu biex jagħmel rapport. Imbagħad l-avukat kien

[16] *A fol.* 261 tal-proċess.
[17] *A fol.* 264 tal-proċess.

qal lix-xhud biex jiffirma peress li kien preżenti miegħu. Ix-xhud insista li dakinhar hu kien biss xhud tar-rapport u bl-ebda mod m'għamlu hu.

Waqt l-istess udjenza xehdet **Pauline Mizzi**[18], omm l-attur. Qalet li kienet xogħol dakinhar tal-inċident, u rċeviet telefonata mingħand it-tifel tagħha. Tant kemm kien eċċitat li ma setgħetx tifhem x'kien qed igħid, iżda mbagħad kellimha s-*supervisor* tiegħu li qalilha li kienu fi triqithom fl-ambulanza lejn l-Isptar. Hija kienet marret l-Isptar fejn sabet lit-tifel tagħha mweġġa'. Osservat li idu kienet sewda bil-ħmieġ. Operawh u dam xi jumejn l-Isptar, iżda fix-xahar ta' wara qatgħulu biċċa minn subgħajh għaliex kien qiegħed jiggangrinalu. Ix-xhud tat spjegazzjoni dwar kif l-inċident kien affettwa l-ħajja tat-tifel tagħha. Qalet li ma kienx baqa' idoqq is-*synthesizer.* Mhux l-ewwel darba li kien ikun muġugħ u jħoss it-tnemnim u ma kienx jieħu pjaċir jiltaqa' man-nies għaliex kif imur jieħu b'id xi ħadd dak li jkun kien jieħu qatgħa kif jara saba nieqes.

**Victor Mizzi**, missier l-attur, xehed waqt l-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2018.[19] Dakinhar tal-inċident kien ċempel il-*mobile* tat-tifel minn fuq il-*mobile* tiegħu, iżda kien kellmu xi ħadd ieħor li qallu li t-tifel tiegħu kien weġġa' u li huma kienu fi triqithom lejn l-Isptar bl-ambulanza. Kellmu t-tifel tiegħu wkoll u qallu li kien weġġa' idu. Ix-xhud libes u wara li għadda għall-mara, kienu telqu flimkien għall-emerġenza tal-Isptar. Kienu sabu lit-tifel fuq *stretcher* u kif kixiflu idu, kien induna li kienet sewda. L-Isptar kien operah Mr Ray Gatt, li kien qalilhom li ma kienx jidher ħażin, imma wieħed kellu jara maż-żmien kif kien ser jibqa'. Ix-xhud kien jieħu lil ibnu kuljum l-isptar għat-trattament, iżda xi ġimgha wara kienu

[18] *A fol.* 277 tal-proċess.
[19] *A fol.* 286 tal-proċess.

sabu li saba minnhom kien iggangrinalu u kellhom jaqtgħuh. Sussegwentement l-attur kompla bil-viżti u bit-terapija. Wara xi xahar xorta waħda baqa' ma jistax isuq u għalhekk ix-xhud kien xtralu karozza *automatic*. L-attur il-flus kienu jaqgħulu minn idu u għall-*physical training* fil-*gym* kien xtara ingwanta speċjali. Ma baqax idoqq mal-banda u tilef ix-xogħol *part-time* tiegħu. Ix-xhud u l-attur kellhom id-delizzju tad-*drag racing,* iżda kellhom jieqfu. Barra minn hekk is-*self esteem* tal-attur kien naqaslu ferm.

**Hermann Mallia**, direttur tas-soċjetà konvenuta, xehed permezz tal-proċedura tal-*affidavit*.[20] Dakinhar tal-inċident, għalkemm ix-xhud ma kienx direttur tas-soċjetà konvenuta, huwa kien attiv fit-tmexxija u fl-operat ta' dik is-soċjetà. Iddikjara li l-Famalco Group, li kienet tagħmel parti minnu s-soċjetà konvenuta, kien jagħti mportanza u prijorità assoluta lit-taħrig regolari tal-impjegati tiegħu. Kien jiġi assigurat li jittieħdu l-miżuri kollha għas-saħħa u għas-sigurtà tal-imjegati fuq il-lant tax-xogħol. Fil-ġurnata meta seħħ l-inċident, ix-xhud għamel ċert li tissejjaħ l-ambulanza u mbagħad qabbad lill-Avukat Paul Felice u lill-Inġinier Peter Vella sabiex iħejju rapport. L-attur kien baqa' jaħdem mas-soċjetà konvenuta għal xi ftit xhur, iżda mbagħad kien irriżenja. Huwa kien għamel dan b'rabja u b'suppervja għaliex is-soċjetà konvenuta kienet irrifjutat li tagħmel dikjarazzjoni li għall-inċident ma kienx jaħti l-attur. B'hekk l-attur ma setax jingħata benefiċċji mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

Ix-xhud **Edin Mujic** xehed għal darb'oħra permezz tal-*affidavit*[21], fejn qal li huwa kien wieħed mis-superjuri tal-attur. Dakinhar tal-inċident ix-xhud kien ħareg fil-

---

[20] *A fol.* 300 tal-proċess.
[21] *A fol.* 301 tal-proċess.

bitħa jissorvelja x-xogħol ftit wara li kien telaq Jonathan Borg. Ix-xhud ra lill-attur bilwieqfa fuq il-frieket tal-*fork lifter* bil-*mobile* f'idejh. Mill-ewwel kien qallu sabiex ineħħi l-*mobile* minn idejh, jinżel u jarma l-gaġġa. Huwa kien mar fid-direzzjoni tal-garaxx tal-i*sprayers,* u ftit mumenti wara seħħ l-incident u x-xhud mar l-uffiċċju għall-għajnuna. Il-gaġġa dakinhar kienet disponibbli fil-bitħa, u kieku ntużat, l-inċident ma kienx iseħħ.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2019, l-attur **Ian Mizzi** xehed in kontroeżami.[22] L-attur kkonferma li kien ilu xi sentejn jaħdem mas-soċjetà konvenuta meta ġara l-inċident. Spjega li l-proċedura fejn jinqala' is-saqaf tal-*canvas* ta' *trailer,* ma kienetx ilha qed ssir dak iż-zmien. Forsi laħqet saret xi tlieta jew erba' darbiet iżda mhux daqstant drabi fis-sena, kif xehed Jonathan Borg. Is-soċjetà konvenuta kellha xi għoxrin jew ħmistax-il *trailer* bl-inċirata. Huwa kien ra lil Roderick Scerri, lil Wahid u xi suwed jaħdmu, iżda huwa qatt ma kien ra l-proċedura ssir mill-bidu sal-aħħar. Spjega li dakinhar hu kien tela' fuq il-*lifter* għaliex ma kienx hemm mod ieħor kif jitla' u lanqas ma kien tela' fl-għoli. Għalihom kienet ħaġa normali li jitilgħu fuq il-*lifter.* Fil-bitħa kien hemm il-gaġġa u qal li din kien jużaha meta ried jitla' fl-gholi bil-*lifter* iż-żghir. L-attur qal li huwa qatt ma kien ra l-pinnijiet tiegħu u dak il-ħin li weġġa' bdew ifittxuhom. Sussegwentement ħadu l-gaġġa għat-tiswija. Huwa kien iqis il-gaġġa bħala protezzjoni mill-għoli. Meta ra lil Roderick u wkoll lil Wahid jaħdmu fuq l-istess xogħol, huwa kien rahom jaħdmu minghajr gaġġa. Għalhekk dakinhar huwa ma għamilx użu mill-gaġġa għaliex ma kienx ser jitla' fl-għoli, kif ukoll għaliex kellu dubbju jekk setgħetx toqgħod fil-*fork lifter* tal-ħames tunnellati. Fil-fatt qatt ma

[22] *A fol.* 305 tal-proċess.

raha tintuża fuqu. L-attur qal li fil-ħin tal-inċident, il-*mobile* tiegħu ma kienx f'idu iżda fil-but. L-attur innega li Edin Mujic kien qallu biex jinżel minn fuq il-*fork lifter,* anzi sostna li hu ma kienx kellmu fl-ebda ħin. Lanqas fil-bitħa ma kien rah, kemm qabel kif ukoll wara li weġġa'. Huma kienu laħqu żarmaw kollox u kellhom jistennew lil Jonathan Borg jasal bil-*parts* biex jerġgħu jarmaw. Ikkonferma li kien hu li qal lil Wahid sabiex ibaxxi l-*forklifter,* iżda bl-ebda mod ma kien basar li ser tinqabad idu fejn poġġiha. Kien Roberto Mifsud Degiorgio li ċempel għal ambulanza.

**Mr Carmel Sciberras**, l-espert mediku ġudizzjarju, ġie prodott in eskussjoni mis-soċjetà konvenuta waqt l-udjenza tat-12 ta' April, 2019. Huwa kkonferma li kien eżamina lill-attur f'Novembru tas-sena 2017. Ikkonferma li l-amputazzjoni ta' parti mis-saba tal-attur kienet saret għaliex kienet iggangrat. Dan irriżulta ġimagħtejn wara li kienu rawh fid-Dipartiment tal-*Outpatients* l-Isptar u dan seta' igħidu għaliex kien eżamina l-*file* mediku tal-attur. Spjega li dan is-saba amputat naqqas il-*grip* tal-attur u l-*malunion* tas-saba tan-nofs kienet tirriżulta wkoll f'diżabilità sinifikanti għaliex dan kien iwassal għal diffikultà sew jekk ried juża *key-board*. Il-perċentwal ta' diżabilità ta' 12% ma setax jaqsmu għaliex hu ħa in konsiderazzjoni l-id kollha.

**L-Inġinier Conrad Galea** xehed waqt l-istess udjenza[23] fejn spjega li hu *mechanical engineer* u jaħdem mal-kumpannija TVI Services Limited li tagħmel it-testijiet fuq *lifts* u wkoll *fork lifters.* Kien ilu f'dan ix-xogħol sa mis-sena 2007 wara li ggradwa bħala inġinier fis-sena 1992. Ikkonferma li d-dokument li jinsab

[23] *A fol.* 329 tal-proċess.

a *fol.* 290 tal-proċess kien proprju ċertifikat ta' test ta' eżami li sar ta' *fork lifter* bin-numru ta' reġistrazzjoni IBL 626 maħruġ fis-27 ta' Marzu, 2015, u li kien validu għal sena. Dan il-*fork lifter* kien f'kundizzjoni tajba għajr għall-fatt li ma kellux mirja. Deherlu li kien proprju minn dik il-biċċa xoghol li beda x-xogħol mas-soċjetà konvenuta. Jekk il-gaġġa kellhiex pinnijiet kellu jiġi ndikat f'ċertifikat ieħor rilevanti għall-gaġġa stess, liema ċertifikat kellu jkun differenti minn dak iċ-ċertifikat maħruġ fir-rigward tal-*fork lifter.*

Waqt l-udjenza tal-20 ta' Mejju, 2019 xehdet **Marica Scicluna**[24] mill-Isptar Mater Dei. Wara li ġiet eżentata minn kull rabta tas-sigriet uffiċċjali, ix-xhud esebiet il-*file* mediku tal-attur, li ġie mmarkat bhala Dok. MS1.[25]

Waqt l-udjenza tal-24 ta' Gunju, 2019 xehed **Mr Ray Gatt** in kontroeżami kif prodott mis-soċjetà konvenuta.[26] Ikkonferma li hu kien ta perċentwal ta' diżabilità permanenti ta' 7% minn 11% għall-amputazzjoni tas-saba taċ-ċurkett. Spjega li dan kien iggangra għaliex iċ-ċirkulazzjoni ma kinetx tajba b'riżultat tal-inċident u ma kienx hemm wisq x'isir. Spjega li wara li joħroġ ċertifikat simili, huwa jħalli ta' mill-inqas sitt xhur igħaddu biex jikkonstata jekk il-kundizzjoni kienetx ser titjieb xi ftit jew xejn. Meta ħareġ iċ-ċertifikat tal-attur, niżżel fl-ewwel paragrafu li t-terapija dak iż-żmien kienet għadha qegħda ssir.

L-attur **Ian Mizzi** xehed għal darb'ohra in kontroeżami waqt l-istess udjenza.[27] Ikkonferma li kemm s-saba taċ-ċurkett, kif wkoll idu kollha kienu nfaxxati wara

[24] *A fol.* 343A tal-proċess.
[25] A *fol.* 344 tal-proċess.
[26] *A fol.* 416 tal-proċess.
[27] *A fol.* 421 tal-proċess.

li kien ġie operat. Ħadd ma kien kixiflu idu mill-faxxa sakemm dam l-isptar. Kienu tawh xi *antibiotics,* kif ukoll xi ħaga għall-uġigħ. Imbagħad kien mar ġimagħtejn wara l-Isptar, iżda sa dakinhar ħadd ma kien kixifielu l-faxxa. Sadanitant hu kien baqa' muġugħ. Wara l-amputazzjoni hu kien reġa' mar l-Isptar xi sitt ġimgħat wara biex neħħewlu l-ħadid u qatgħulu l-punti. Wara dakinhar beda jmur darba fil-ġimgħa għall-*physiotherapy.*

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti sejra l-ewwel tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, imbagħad tgħaddi biex tikkonsidra t-talbiet l-oħra f'din il-kawża. Jirriżulta mill-provi li l-inċident inkwistjoni seħħ meta l-attur, impjegat bħala *labourer* mas-soċjetà konvenuta[28] għal dawk l-aħħar sentejn, kien qiegħed iżarma saqaf ta' *trailer* flimkien ma' xi impjegati oħra tas-soċjetà konvenuta.

Jirriżulta li aktar kmieni dakinhar, Jonathan Borg li kien ilu impjegat bħala *freight maintenance co-ordinator* mas-soċjetà konvenuta għal dawk l-aħħar għaxar snin[29] u li taħtu kien jaħdem l-attur, kien qal lill-ħaddiema li hu kien ser imur jixtri r-*rivets* mingħand tal-Wurth u hekk kif jasal lura huma kienu ser jibdew iżarmaw is-saqaf tat-*trailer*[30]*,* xogħol li jirriżulta li xi ftit jew wisq ma jsirx ta' spiss.[31] Dawk ir-*rivets* kienu proprju necessarji sabiex jerġa' jintrama s-saqaf. L-attur min-naħa tiegħu qal li hu kien irċieva struzzjonijiet mingħand Jonathan

---

[28] Ara kuntratt tax-xogħol a *fol.* 31 u 119 tal-proċess.
[29] *A fol.* 165 tal-proċess.
[30] Xhieda Jonathan Borg *a fol.* 169.
[31] Xhieda Jonathan Borg *a fol.* 167.

Borg sabiex jibdew iżarmaw is-saqaf tat-*trailer,* iżda l-Qorti hawn tgħid li l-veraċità o meno ta' din l-ordni tonqos mill-importanza tagħha fid-dawl ta' dik li hija l-qofol tal-kwistjoni, jigifieri l-mod kif kien jintuża *fork lifter* mill-ħaddiema.

Sadanittant Jonathan Borg kien ta wkoll *handover* lill-kollega tiegħu Edin Mujic. Dan kien ilu jaħdem bħala *local logistics co-ordinator* mas-soċjetà konvenuta għal dawn l-aħħar tnax-il-sena. Jonathan Borg xehed li qallu jieħu ħsieb in-nies u jissorvelja dak li kien qed jiġri sakemm hu jmur jixtri.[32] Dak il-ħin hu kien ħalla lill-ħaddiema jaħdmu fuq l-i*standard check list* tat-*trailers* l-oħrajn[33], iżda jidher li f'xi ħin l-attur, flimkien ma' Wahid Fifi u Roderick Scerri, qabdu jżarmaw is-saqaf tat-*trailer*. Skont l-attur, fil-ħin li telaq mill-bitħa Jonathan Borg huma kienu diġà kienu bdew ix-xogħol u għalhekk dan kien ra lilu fuq il-*fork lifter,* lil Roderick Scerri fuq is-sellum u lil Wahid Fifi (magħruf bħala Alex) bilwieqfa fl-art[34] għaliex dan kien qed jopera l-*fork lifter*. Madankollu jekk wieħed jikkonsidra bħala veritiera x-xhieda ta' Jonathan Borg, isegwi li Edin Mujic ma żammx mal-istruzzjonijiet li kien tah il-kollega tiegħu sabiex ix-xogħol jinbeda meta jirritorna. Għalhekk Mujic qal lill-attur sabiex jinżel minn fuq il-*forklifter* mhux għaliex riedu jieqaf mix-xogħol, iżda sabiex tintrama l-gaġġa[35]*,* ordni li wkoll l-attur innega bis-saħħa li kienet ingħatat lilu. Saħansitra qal li lil Edin Mujic fl-ebda ħin ma kien ħdejhom u kien proprju għaliex kienu lestew mix-xogħol li l-

[32] Xhieda Jonathan Borg *a fol.* 170.
[33] Xhieda Jonathan Borg *a fol.* 171.
[34] Xhieda Ian Mizzi *a fol.* 224.
[35] *A fol.* 85.

attur talab lil Wahid Fifi jniżżlu.[36] Wara li Edin Mujic allegatament ta l-ordni tiegħu, dan kompla fuq xogħlu u ma tax każ jekk il-gaġġa ntramatx.[37]

L-attur kien qed jagħmel ix-xogħol fuq is-saqaf tat-*trailer* billi uża *fork lifter* b'*pallet* imdaħħla fil-frieket tiegħu sabiex seta' jlaħħaq aħjar mal-ftit għoli li kien hemm. Jirriżulta li hekk kien isir ukoll f'każ fejn kellu jsir xogħol li ma kienx daqstant fl-għoli, tant li l-ħaddiema kienu tgħallmu fejn ipoġġu jdejhom ukoll[38], u kien biss għal kwalunkwe xogħol iehor li kienet tintuża gaġġa tal-ħadid.[39] Din kienet tintrama billi tinqabad mill-frieket tal-*fork lifter* u mbagħad tintrabat permezz ta' *pinnijiet* u/jew katina.[40]

Ma ġie ppreżentat l-ebda ċertifikat fir-rigward ta' din il-gaġġa, iżda biss fir-rigward tal-*fork lifter* involut fl-inċident inkwistjoni.[41] Il-Qorti hawnhekk tirrileva li ċ-ċertifikat maħruġ mis-soċjetà TVI Services Ltd jagħmel żewġ rakkomandazzjonijiet jew osservazzjonijiet: (a) kellhom jitpoġġew ir-*rear view mirrors*; u (b) *"Drivers of Lifter are to be trained in the proper use of this equipment as per manufacturer's manual."* L-istess ċertifikat jgħid ukoll li dan il-*fork lifter* kellu jiġi spezzjonat sena wara. Għalkemm is-soċjetà konvenuta kellha erba' *fork lifters* fil-bitħa għall-użu tal-impjegati tagħha, gaġġa waħda biss kien hemm a dispożizzjoni tagħhom.[42]

---

[36] Xhieda a *fol.* 223.
[37] *A fol.* 88.
[38] Xhieda Wahid Fifi *a fol.* 207 *tergo* u 209.
[39] Xhieda Roderick Scerri *a fol.* 194 u xhieda Wahid Fifi *a fol.* 207.
[40] Xhieda Jonathan Borg *a fol.* 171.
[41] *A fol.* 290.
[42] Xhieda Jonathan Borg a *fol.* 172 u attur *a fol.* 310 u 312.

Issa hekk kif ta l-ordni lil sieħbu Wahid Fifi sabiex iniżżel il-*fork lifter* u b'hekk l-attur seta' jinżel minn fuqu, l-attur inqabditlu idu tal-lemin ġol-mekkaniżmu tiegħu għaliex hu kien qed iżomm sod fuq il-*fork lifter* b'dik l-id.[43] L-attur saritlu ħsara fis-saba' tan-nofs, dak taċ-ċurkett u s-saba' ż-żghir.[44] Hu mar l-Isptar Mater Dei bl-ambulanza akkumpanjat minn Jonathan Borg, fejn ġie operat fis-swaba' mweġġgħin. Ġimagħtejn wara meta mar għal viżta fid-Dipartiment tal-*Outpatients* tal-Isptar, ġie infurmat li subgħajh taċ-ċurkett kien iggangrinalu u għalhekk kellha ssir amputazzjoni ta' parti minnu.[45]

Sadanittant huwa kien ippreżenta rapport ta' korriment flimkien ma' applikazzjoni għall-benefiċċju lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali[46], debitament iffirmata minn wieħed mid-diretturi tas-soċjetà konvenuta. Jirriżulta wkoll li Shirley Costigan, impjegata mas-soċjetà konvenuta fil-kariga ta' *Payroll and HR Administration,* kienet indikat li l-inċident seħħ kaġun ta' "waqgħa minn xi mkien għoli" u dan skont l-informazzjoni li ngħatat mill-Inġ. Peter Vella.[47] Min-naħa tiegħu r-rappreżentant tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol xehed li din ma investigatx il-każ ladarba fuq dik il-formola kien hemm imniżżel li l-każ kien jitratta ksur ta' swaba'.[48] Id-direttur Hermann Mallia xehed li l-attur ma ngħata l-ebda benefiċċju mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali wara li ġiet ippreżentata dik il-formola għaliex kien jirriżulta li l-inċident seħħ unikament tort tiegħu.[49] Hawnhekk il-Qorti tgħid li m'għandux għalfejn jingħad

[43] Xhieda attur *a fol.* 222 u 223.
[44] Ara rapport Mr. Ray Gatt *a fol.* 6 u rapport Espert Mediku Ġudizzjarju Mr. Carmel Sciberras *a fol.* 183.
[45] Xhieda attur a *fol.* 422.
[46] *A fol.* 156.
[47] Xhieda Shirley Costigan a *fol.* 151 u 152.
[48] Xhieda David Saliba a *fol.* 262.
[49] *Affidavi*t Hermann Mallia *a fol.* 300.

li dan seta' ġara wkoll abbażi ta' informazzjoni ħażina li kienet turi dik il-formola. Irriżulta wkoll li Ing. Peter Vella ma kellu l-ebda konnessjoni mas-soċjetà attrici[50], u għalhekk qal li kien żball da parti tiegħu li aċċetta dak li qallu l-Avukat Paul Felice sabiex jiffirma r-rapport tas-soċjetà konvenuta.

Minn dan kollu jirriżulta lil din il-Qorti li s-soċjetà konvenuta naqset milli tosserva l-obbligi kollha imposti fuq min iħaddem sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Hija naqset milli tassigura li l-gaġġa kellha tintrama fuq *fork lifter* meta xi ħadd mill-ħaddiema tagħha kellu bżonn li jagħmel użu minnu sabiex jintrefa' 'l fuq f'kwalunkwe għoli.[51] Hawnhekk il-Qorti tgħid li ma tistax taċċetta li s-superviżjoni u l-iskrutinju tal-*managers*[52] tas-soċjetà kienu kostanti u iebsa, għaliex jirriżulta b'mod lampanti li kienet teżisti prattika ta' użu ħażin tant li anki l-ħaddiema l-oħra Roderick Scerri u Wahid Fifi effettivament kienu jaħdmu mingħajr l-użu ta' gaġġa.[53] In vista tal-eżistenza ta' din il-prattika, ma tistax is-soċjetà konvenuta titfa' r-responsabbilità tagħha li tassigura li jitħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha fuq il-lant tax-xogħol, fuq l-attur billi tgħid li kien proprju hu li naqas għaliex il-gaġġa kienet a disposizzjoni tiegħu. Kien jispetta lis-soċjetà konvenuta li tagħmel ċert li l-gaġġa mhux biss tkun a disposizzjoni tal-ħaddiema tagħha, iżda wkoll li dawn jagħmlu użu minnha.

---

[50] Xhieda Ing. Peter Vella a *fol.* 264 *et seq*.
[51] Xhieda Wahid Fifi a *fol.* 204 u 205 u xhieda attur a *fol.* 229, 230, 231 u 240, in kontro-eżami *a* fol. 310.
[52] Xhieda Wahid Fifi a *fol.* 209 *tergo*.
[53] Xhieda attur a *fol.* 313.

Dan iwassal għall-konsiderazzjoni li s-soċjetà konvenuta naqset mill-obbligi tagħha ta' tagħrif u taħriġ tal-ħaddiema tagħha. Skont kif iddikjaraw huma stess[54], il-ħaddiema kienu nieqsa mit-taħriġ dwar is-saħħa u s-sigurtà tagħhom u ta' sħabhom fuq il-post tax-xogħol. Saħansitra kienu jgħallmu lil xulxin wkoll kif joperaw *fork lifter*[55] u kien biss wara l-inċident inkwistjoni li s-soċjetà konvenuta ddeċidiet li tottempora ruħha mal-obbligi tagħha sabiex tassigura s-saħħa u s-sigurtà fuq il-lant tax-xogħol tal-ħaddiema tagħha, billi organizzat kors dwar l-użu tal-*fork lifter.*[56] Wisq probabbli dan sar in ottemperanza mar-rakkomandazzjoni mfissra fiċ-ċertifikat maħruġ wara li l-*fork lifter* ġie ttestjat u eżaminat. Għandu jiġi osservat ukoll li ma rriżultax lil din il-Qorti li l-ħaddiema kienu jagħmlu użu minn xi tagħmir protettiv u dan għal darb'oħra juri nuqqas da parti tas-soċjetà konvenuta li tgħallem u tħarreġ lill-ħaddiema tagħha kif mistenni sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

Għandu jingħad ukoll li l-attur iddikjara li sakemm kien ilu jaħdem hemm hu, qatt ma kien rahom il-pinnijiet tal-*fork lifter* u dak il-ħin stess li weġġa' bdew ifittxuhom u l-gaġġa ħaduha sussegwentement għat-tiswija.[57] Dan ċertament juri wkoll nuqqas da parti tas-soċjetà konvenuta li tassigura li l-apparat tas-sigurtà kien jaqdi l-funzjoni tiegħu.

In vista ta' dan kollu, għandu jingħad li hija irrilevanti t-tieni parti tat-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, li l-attur kien jaħti għall-inċident minħabba li kien qed iżomm il-*mobile* f'idu waqt li kien qed jeżegwixxi x-xogħol ta'

[54] Xhieda Edin Mujic *a fol.* 105u 106, xhieda Roderick Scerri a *fol.*198, Wahid Fifi a *fol.* 209.
[55] Xhieda Wahid Fifi *a fol. 209* u attur a *fol.* 239.
[56] Xhieda attur *a fol.* 239.
[57] Xhieda attur *a fol.* 310.

manutenzjoni, ukoll jekk din l-allegazzjoni tirriżulta vera, li ma jidhirx li kien il-każ. Din il-Qorti tgħid li mingħajr l-ebda dubju l-inċident inkwistjoni kien jiġi evitat għalkollox kieku sar użu tal-gaġġa għaliex b'hekk l-attur fl-ebda ħin ma seta' b'xi mod iserraħ idu mal-mekkanizmu tal-*fork lifter*. Għaldaqstant il-Qorti tqis li ma kien hemm ebda traskuraġni da parti tal-attur fil-mod kif seħħ l-inċident inkwistjoni. Imma mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tas-soċjetà konvenuta, li kif jirriżulta mill-provi, naqset milli tħares diversi obbligi li kellhom jiġu mħarsa, li l-liġi stess timponi fuq min iħaddem li għandu jħares. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Frederick Sammut et *vs.* Direttur Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili et**[58], il-Qorti proprju indirizzat dan l-obbligu partikolari ta' min iħaddem, u qalet:

> "Kull min iħaddem għandu jagħmel dan l-eżercizzju billi jottempera ruħu mad-dmirijiet ġenerali li jadotta prekawzjonijiet xierqa bħala *bonus paterfamilias,* u għalhekk, f'kull żmien u f'kull aspettli għandu x'jaqsam max-xogħol, għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ, u reviżjoni kritika tal-miżuri preventivi u protettivi. Dan jinkludi li jiġi kkonsidrat kemm in-natura tal-attivitajiet tax-xogħol billi tingħata l-informazzjoni u t-taħriġ meħtieġa skont il-liġi; li jara li jiġi pprovdut post sigur fejn isir it-taħriġ; li tingħata l-għodda adegwata u l-ilbies kollu protettiv meħtieġ; kif ukoll li tali għodda hekk adattata tiġi użata u lbies attwalment użat, b'dan li anki kieku jingħata l-ilbies u apparat protettiv kollu (li mhux il-każ odjern), xorta waħda l-prinċipal għandu jara li l-apparat jiġi effettivament użat."

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Fenech et *vs.* Chairman tal-Malta Drydocks et**[59], dwar l-obbligi da parti ta' min iħaddem, inkiteb:

> "Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min iħaddem, il-Qrati tagħna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi '*a safe place of work'* iżda rari kienu jidħlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min iħaddem li hekk jipprovdi jkunx aġir bi ksur

[58] Q.A., 24.11.2017.
[59] Q.A., 03.12.2010.

ta' obbligu kuntrattwali jew aġir delittwali. Li hu żgur hu li l-Qrati tagħna dejjem jitkellmu fuq 'dover' u 'obbligazzjonijiet' ta' min iħaddem, bħallikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-ħaddiem li jipproteġieh. Fil-kawża **Sultana vs Spiteri** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Mejju, 1979, ġie osservat li min iħaddem għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sigurezza għal min ikun qed jaħdem, obbligu speċifiku u determinat li donnu joħroġ mill-isfera tal-kunċett ta' *neminem laedere,* involut fir-responsabilità taħt delitt u kważi-delitt. Il-Qrati tagħna espandew fuq dan l-obbligu ta' min iħaddem, u jinsistu fuq id-dover tiegħu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xogħol nadif u ħieles minn perikolu, stħarrig u superviżjoni tal-ħaddiema, manutenzjoni regolari fuq kull biċċa magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xogħol (ara per eżempju l-awża **Galea vs Meilaq noe,** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis- 27 ta' Ġunju 2007). Intqal ukoll li huwa dmir ta' min iħaddem "*to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work*" – **Borg *vs* Wells noe,** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jiġi ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn min iħaddem u l-ħaddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jieħu ħsieb l-inkolumità tal-ħaddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bħala parti mit-termini tal-istess kuntratt."

**<u>Danni</u>**

Jifdal għalhekk li l-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur, li jinkludu danni materjali kif ukoll telf ta' qligħ futur li huwa jista' jkollu minħabba fid-debilità permanenti sofferta minnu b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

*Damnum Emergens:*

L-attur ma ressaq l-ebda prova ta' danni materjali sofferti minnu b'konsegwenza ta' dan l-inċident, u għalhekk il-Qorti qiegħda tqis lil-attur m'għandu l-ebda pretensjonijiet f'dan ir-rigward.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini vs. Antoine Cachia**[60], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-egħmil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'decizjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[61], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġiata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

[60] P.A., 18.02.2013.
[61] P.A., 27.04.2005.

L-attur min-naħa tiegħu ma ressaq l-ebda prova dokumentarja dwar il-qligħ tiegħu fiż-żmien meta seħħ l-inċident, iżda pproduċa lid-direttur tas-soċjetà konvenuta Sandro Mallia bħala xhud li kkonferma li meta l-attur beda jaħdem ma' dik is-soċjetà fit-12 ta' Diċembru, 2013, dan kellu paga *gross* ta' €8,434 li baqgħet tiela' għal €11,365.08. Ma jirriżultax lil din il-Qorti f'liema data l-attur waqaf jaħdem minn mas-soċjetà konvenuta, iżda jirriżulta li dan ma damx wisq ma telaq wara li seħħ l-inċident, u għalhekk tqis li s-salarju gross li għandu jittieħed inkonsiderazzjoni għall-fini ta' kalkulazzjoni ta' danni għandu jkun dak ta' €11,356.08. Minn dan l-ammont iridu jitnaqqas €428.41 bħala taxxa u €1,136.51 bħala kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali dovuta skont ir-rati uffiċjali tas-sena 2015 meta seħħ l-inċident.

Is-salarju tal-attur irid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[62], b'hekk: €9,791.16 + (€9,791.16 x 0.92% x 34), sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju li l-attur kien jirċievi li kieku baqa' jaħdem, fis-somma ta' €9,791.16 + €12,853.83 ÷ 2 = €11,322.50. Huwa dan is-salarju bażiku li l-Qorti sejra tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' sitta u għoxrin (26) sena, li hija l-età li kellu l-attur meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' erbgħa u

[62] F'sentenza mogħtija mil-Qorti tal-Appell fid- 19 ta' Mejju, 2001, fl-ismjiet **Joseph Galea vs Charles Fenech pro et noe**, il-Qorti stabbiliet illi,"Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bhala l-*multiplier*". Bhala rata ta'inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.92% li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-ahhar ħames snin skont l- NSO (dik tas-sena 2019 ma tinstabx pubblikata): {0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37%(2017) + 1.16% (2018) ÷ 5 = 0.92%}.

tletin (34), tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq età pensjonabbli.

F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjuġi Restall**[63], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-'*changes and changes of life',* b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha,ma waslitx qawwija u sħiħ sal-età tal-pensjoni.
>
> …
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżercizzju matematiku – għalkemm tali eżercizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard,** b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-ġergo huma magħrufa bhala '*lucum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

L-espert mediku ġudizzjarju Mr Carmel Sciberras wasal għall-konkluzjoni li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur huwa ta' 12%.[64] Il-Qorti ma ssibx raġuni għaliex m'għandhiex tistrieħ fuq ir-rapport tal-imsemmi espert mediku ġudizzjarju.

[63] P.A., 10.05.2005.
[64] Ara rapport *a fol.* 241 tal-process.

Lanqas ma jirriżulta b'xi mod ippruvat li l-attur jew xi terza persuna jaħti/taħti għal parti mid-danni sofferti minnu kif is-soċjetà konvenuta teċċepixxi fl-eċċezzjoni ulterjuri tagħha. Kuntrarjament għal dak li qiegħda tissuġġerixxi s-soċjetà konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha *a fol.* 429, ix-xhieda tal-*consultant orthopaedic surgeon* Mr Ray Gatt, flimkien ma' dik tal-attur stess, ma jistgħux iwasslu għall-konklużjoni li kien hemm xi fatturi oħra li wasslu għall-amputazzjoni ta' parti mis-saba' tal-attur u l-kawża jibqa' l-inċident li rriżultat tiegħu seħħet il-ħsara fis-saba'. Għandu jingħad li x-xhieda ta' Mr Ray Gatt ma tħalli l-ebda dubbju għar-raġuni tal-amputazzjoni: *"iggangra għax iċ-ċirkulazzjoni tas-saba' ma kinitx tajba. Iċ-ċirkulazzjoni tas-saba' ma kinitx tajba għax kellu l-inġurja tal-index accident ftit ġranet qabel."*

L-evoluzzjoni ġurisprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba (*lump sum payment*). Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta jiġi ppreżentat ir-rikors maħluf u d-data tas-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża ġiet ippreżentata fis-sena 2016 minkejja li l-inċident kien seħħ fil-2015, u d-deċiżjoni ser tkun qiegħda tingħata mingħajr ma jirriżulta li kien hemm titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €11,322.50 x *multiplier* ta' 34 x 12% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €46,195.80 li meta ridotta b'20% (*lump*

*sum payment*) ta’ €9,239.16, twassal għas-somma ta’ €36,956.64 (sitta u tletin elf disa’ mija sitta u ħamsin Euro u erbgħa u sittin centezmu). Huwa dan il-*lucrum cessans* li l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li għandu jitħallas lill-attur mis-soċjetà konvenuta.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;**

2. **Tilqa’ t-talbiet tal-attur, għajr dik għal-likwidazzjoni tad-*damnum emergens*, u tiddikjara li r-responsabbilità għall-inċident li seħħ fis-27 ta’ Novembru, 2014 fil-*yard* proprjetà tas-soċjetà konvenuta fi Triq il-Pitkali, Attard fejn safa mweġġa’ ġravement l-attur, għandha tinġarr mis-soċjetà konvenuta;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b’konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta’ €36,956.64 (sitta u tletin elf disa’ mija sitta u ħamsin Euro u erbgħa u sittin centeżmu).**

4. **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur id-danni kif likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**